**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

# Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 82/2018

**28 ta' Marzu, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

82.1.1 Ma kienx hemm

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

82.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 80 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

82.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondata mis-Sur Ivan Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

82.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

82.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 81 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

82.2.5 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

82.2.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

82.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar it-22 ta' Frar 2018 kienet iltaqghet mas-sinjuri Pierre Bugeja u Joseph Galea u kienet iddiskutiet materji relatati mal-Bormla Short Drama Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi sussegwentement inzammu laqghat ohra rigward l-istess attivita' li kienu jikkoncernaw primarjament kordinament.

82.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienet inzammet laqgha rigward attivita' bl-isem *Cospicua Book Festival* li kien qieghed jigi propost li jittella' fil-lokalita' matul ix-xahar ta' April 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-attivita' kienet ser tkun qieghda tittella' gewwa bacir numru 1.

82.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar is-7 ta' Marzu 2018, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mas-Sur John Formosa li min-naha tieghu kien informa lill-Kunsill Lokali bil-pjan illi tittella' attivita' ( boat show) f'bacir numru 1 f'April 2018 u Novembru 2018. Is-Sindku ziedet tghid illi min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali kien ghadda l-informazzjoni lill-awtoritajiet koncernati bil-ghan illi jittiehdu d-decizjonijiet rispettivi dwar il-materja.

82.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet nhar it-13 ta' Marzu 2018 mal-perit Alessia Glades rigward progett ta' *landing place ghall-ferry* li kien qigehed jigi propost minn Transport Malta. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi dettalji dwar il-materja kienu ser jinghataw aktar tard waqt l-istess seduta.

82.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet iltaqghet ma' delegazzjoni ta' 50 (hamsin) student li kien bhala parti minn progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja, liema progett kien jikkoncerna stigma u integrazzjoni.

82.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar l-14 ta' Marzu 2018, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mal-arcipriet tal-lokalita' u kienu gew diskussi l-attivitajiet relatati mal-Gimgha l-Kbira u Hadd il-Ghid.

82.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-15 ta' Marzu 2018, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mal-perit William Lewis u kien gie diskuss il-progett ta' grawnds Peppi Delceppo. Is-Sindku ziedet tghid illi fir-rigward, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed japplika sabiex jikseb il-permessi tal-awtorita' tal-Ippjanar bil-ghan illi kif ikun possibbli jinghata bidu ghax-xogholijiet fuq il-progett hekk kif approvat mill-istess Kunsill Lokali.

82.3.8 Is-Sindku qalet illi nhar is-27 ta' Marzu 2018, kienet attendiet, f'isem il-Kunsill Lokali ta' Bormla, ghal-laqgha tas-Sindki u Vici-Sindki organizzata mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali. Hija tat rendikont lil dawk prezenti tal-materji li kienu gew diskussi waqt l-istess attivita'.

82.3.9 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 ta' Marzu 2018, f'isem il-Kunsill Lokali kienet ipprezentat ktieb lil studenta fl-okkazjoni ta' Jum il-premjazzjoni ta' St. Margaret College Middle School.

## 82.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

82.4.1 Ma kienx hemm.

## 82.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

82.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru03/18) ghall-approvazzjoni.

82.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

82.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar ta’ Frar 2018 ghall-approvazzjoni.

82.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sur Ivan Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**82.6 Attivitajiet tal-Ghid il-Kbir**

82.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul il-Kunsill Lokali kien hareg permessi ghall-gabbani fiz-zoni stabbiliti. Fl-istess waqt kienu saru l-preparamenti mehtiega sabiex hekk kif diskuss fis-seduta precedenti tinzamm bibita u jsir it-tberik ta’ opra tal-bahar gdida b’kollaborazzjoni mal-klabb tar-regatta tal-lokalita’. Is-Sa. Zerafa Civelli temmet l-intervent taghha billi hegget lill-kunsilliera jippartecipaw fl-attivitajiet.

**82.7 Sejhiet ghall-offerti**

82.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi waqt laqgha tar-Regjun Xlokk kien issemma’ l-fatt illi kuntratt li l-Kunsilli Lokali tar-Regjun Xlokk kellhom ma’ Nexos Street Lighting kien wasal biex jaghlaq minghajn il-possibilita’ li jigi estiz. Ghaldaqstant, il-Kunsilli Lokali in-kwistjoni gew mitluba jawtorizzaw lir-regjun Xlokk sabiex jerga’ johrog is-sejha ghall-offerti. Wara diskussjoni qasira, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellha tinhareg l-awtorizzazzjoni msemmija.

82.7.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali, l-amministrazzjoni kienet qieghda tiehu hsieb tipprepara d-dokument tas-sejha ghall-offerti ghall-installazzjoni ta’ numru ta’ fanali ornamentali hekk kif diskuss f’seduti precedenti. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi hekk kif ikun finalizzat l-abbozz tad-dokument kellu jigi ccirkolat permezz ta’ e-mejl. Hija sahqet illi fl-istess waqt, hekk kif maqbul, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed japplika sabiex jiffinanzja parti mill-progett mill-*Urban Improvement Fund* tal-Awtorita’ tal-Ippjanar.

82.7.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi l-perit tal-Kunsill Lokali flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet qieghda tahdem fuq abbozz ta’ dokument ghal sejha ghall-offerti b’konnessjoni ma’ progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet ghid illi hekk kif ikun iffinalizzat l-abbozz kien ser ikun qieghed jigi ccirkolat permezz ta’ e-mejl. Hija sahqet illi fl-istess waqt, hekk kif maqbul, il-Kunsill Lokali

kien ser ikun qieghed japplika sabiex jiffinanzja parti mill-progett mill-*Urban Improvement Fund* tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

## 82.8 Pjan ta' hidma 2018-2020

82.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' pjan ta' hidma ghall-perjodu 2018-2020. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-kontenut tad-dokument kien diga' gie diskuss f'seduti precedenti u kienu saru modifiki zghar fuq suggerimenti tal-Kunsilliera

82.8.2 Wara diskussjoni qasira, fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 82.9 Mozzjonijiet

82.9.1 Mozzjoni numru 01/2018

*Peress li hemm nuqqas ta' dawl adegwat, qed nipproponi li l-Kunsill Lokali jinstalla bozza gdida fi Triq San Rokku, kantuniera ma' Triq Abram Gatt*

Mozzjoni : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

82.9.2 Mozzjoni numru 02/2018

*Fuq talba tar-residenti ta' Fuq San Pawl, qieghed nipproponi li jsiru U-Channels godda fuq il-bankina l-gdida li saret quddiem Ray Hairstylist peress li l-karozzi qeghdin jipparkjaw b'mod li qeghdin jingumbraw nofs il-bankina u allura l-access qieghed ikun ostakolat.*

Mozzjoni : Roderick Mamo
Sekondant : Ivan Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 82.10 Rapporti

82.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq rakkomandazzjoni tal-Perit Raymond Farrugia ( Dipartiment tax-xogholijiet) rigward attivita' (boat show) li kienet qieghda tigi proposta li tittella'.
- Wara li l-awtorita' tad-djar habbret li kienet ser tkun qieghda tkompli bil-programm ta' Skeda 2 dwar il-manutenzjoni tal-komun fil-binjie tal-Gvern, gie deciz illi kellha ssir rakkomandazzjoni li l-ewwel hames applikanti li kienu avvicinaw lill-Kunsill Lokali.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba ghal riservar temporanju ta' spazji ta' parkegg b'konnessjoni ma' attivita' li kienet ser tittella' nhar il-5 ta' Lulju 2018.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-ammont ta' fondi disponibbli that l-iskema Urban Improvement Fund tal-awtorita' tal-Ippjanar kien jammonta ghal €85 401.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra illi Dr. Alfred Abela baghat lis-Segretarju tal-Ghaqda Cospicua boating group f'isem is-Sur Martin Butters.
- Kien hemm qbil illi proposta li Transport Malta kienet ghamlet lill-Kunsill Lokali rigward triq it-8 ta' Dicembru kienet gustifikata. Filwaqt li l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb jaghmel ordni ghat-tabelli li kien hemm bzonn, Transport Malta kellha tintalab tirranga bankina li kien hemm.
- Kien hemm qbil illi kellu jigi segwit mill-qrib zvilupp li kien qieghed jigi propost b'konnessjoni mas-servizz ta' water ferry li kien jopera mil-lokalita'. Dan ghaliex l-istess zvilupp seta' ma jaqbilx mal-pjanijiet li l-Kunsill Lokali kellu ghaz-zona.

**82.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 25 ta' April 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 25 ta' April, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |